# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Paolo Mangiafico**

Illum, 28 ta' Mejju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra **Paolo Mangiafico** imwield fil-17 ta' Frar, 1967 gewwa l-Italja u residenti 60,  fl-1 ta' Frar, 1969 ġewwa Malta, residenti 60, Fl 1, Triq il-Makna tas-Serrar Msida, Malta  bl-indirizz tan-negozju 134, The Strand, Gzira, Malta  akkużat talli bħala direttur u / jew għan-nom u in rapprezentanza **Bella Sicilia Limited (C 56475)** u / jew bħala persuna rreġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni b' sorpiża li seħħet fil-**13 ta' Dicembru, 2022** ġewwa **Bella Sicilia, 134, The Strand, Gzira, Malta,** int jew impjegati tiegħek jew xi persuna oħra li kienet qed tagixxi għan-nom tiegħek, inqast li tagħti jew tipproduċi riċevuta fiskali permezz ta' *cash register fiskali* jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-ħtigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond il-kumpens lilek imħallas għal dik il-provvista u dan bi ksur tal-partiti

1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat li Marlyn Schembri Saliba ippreżentat bil-gurament Dok A; semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' Roberto Formosa fis-seduta tal-22 ta' Novembru, 2023; ta' Lourdes Briffa fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2023; ta' PL Quentin Tanti fis-seduta tat-22 ta' Novembru , 2023;

Rat li l-prosekuzzjoni għalqet il-provi fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2023;

Rat li l-imputata għażlet li ma tixhidx;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat il-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, il-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-każ;

Ikkunsidrat

<u>Xhieda tal-prosekuzzjoni</u>

**Roberto Formosa**, Spettur MTCA, fi ħdan Compliant Investigation Directorate Malta Tax Custom Administration xehed fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2023. Fuq il-każ jixhed

> “Xhud: Mela nhar it-13 ta`Dicembru, 2022 fil-hanut Bella Sicilia The Strand Gzira kellimna lil Laura Mastrangelo Id card 178791A issa waqt li konnha mal-counter rajna sale ta`4.50c li l-klijent hallas bil-card u hariglu l-Epos receipt li l-fiscal receipt ma hargitielux.”

Jezebixxi l-EPOS receipt (Dok B), l-X reading u l-irċevuta fiskali. Jispjega li l-irċevuta fiskali harget minn Miss Mastrangelo fuq talba taghġom. Ms Mastrangelo, tathom l-X reading. Għandhom ukoll rċevuta oħra ta` 2.50 għax ikun sar bejgħ ieħor waqt l-inspection tagħhom Għandhom it-total sales li kien sar mill- Epos tal-ġurnata. Jispejga lit-total sales joħduha biex ikunu jistgħu jqabblu bejn is-sales tal-cash u sales tal-Epos macħine u jaraw li tkun tirrifletti is-sales tal-card.

Mistoqsi x’ qaltilhom Ms Mastrangelo meta kellmuha jirrispondi li hija kienet taf li ma ħargitx l-irċevuta sewwa u ħarget irċevuta ta’ 4.50 quddiemhom li ġiet ezebita fl-atti ta’ dawn il-proċeduri.

Mistoqsi jekk jagħrafx lil Ms Mastrangelo jirrispondi li ma jagħrafiex għaliex il-każ ilu.

In kontroeżami jirrispondi li l-ħin kien filgħodu u kien akkumpanjat minn żewġt spetturi ohra. Jikkonferma li huma raw il-bejgħ u l-klijent ħallas bil-card, u anki’ ħarget l-Epos receipt. Mistoqsi dwar il-klijent jirrispondi ma jafux minn kien imma waqqfuh dak il-ħin u kien qalula mal-ewwel kienet taf li ma ħargitiex l-irċevuta. Ma ħadux dettalji ta’ din il-persuna.

Il-card għaddiet u l-irċevuta tal-EPOS ħarget. Il-pagament kien għadda. F’ dan il-każ għaddiet it-transaction ħarget l-irċevuta tal-Epos transaction u l-irċevuta fiskali ma ħargitx.

**Lourdes Briffa**, Revenue Inspector, ma MTCA, Malta Tax Customs Administration. xehedet fis-seduta tat-22 ta’ Novembru 2023. Fuq l-każ hija tixhed

> “Xhud: F'dan il-każ fit 13 ta' Diċembru tat-2022 morna anke inspection jiena u l-kollega tiegħi il-Gżira. U dħalna ġo ħanut li jismu Bella

Sicilia li jinsab 134 The trand gżira hemmhekk waqt li kollha qegħdin mal-counter rajna sale ta`4.50 li il-klijent tħallas bil-card u inaghta receipt tal-Epos macħine imma ircevuta fiskali ma ħarġitx. Miss Mastrangelo li kienet qiegħda dakinhar hemmhekk fil-ħanut impjegata Lara Mastrangelo li ġiet identifikata bìd card 178791A, harget l-imsemmija ircevuta fuq request tagħna u tatna l-X reading. U wxkoll ir-reading mil-Epos macħine imma l-ircevuta inħarġet fuq l-insistenza tagħna, jiġifieri klijent ingħatatlu biss il-kopja tal-bank."

Fuq id-dokumenti eżebiti tikkonferma li Dok B hija l-kopja tal-Epos tal-BOV tal-bank, Id-DOK D fejn inħarget l-irċevuta mil-kompjuter system, il-kopja tal-reading li jieħdu milli Epos macħine tal-ġurnata DOK F, L-X reading li qiegħed DOK C tal-ġurnata.

In kontro-eżami tirrispondi li huma marru għal ispezzjonijiet bejn il 11 ta' filgħodu u 3 ta' wara nofs in-nhar.  Il-ħin eżatt li kienu hemm hija fuq l-irċevuta. Fl-istabiliment damu sakemm raw il-bejgħ ghax huma kienu  fejn il-counter u sakemm ħargulhom l-affarijiet.

Ma tistax tirrispondi fuq l-andament ta' qabel ma saret dik it-transaction mertu ta' dan il-każ.

**PL Quentin Tanti**, in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji fi ħdan l-MBR xehed fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2023. Jixhed:-

"Xhud: Iva nahlef, Qed nixhed ir-rappreżentanza ta- reġistratur tal-kumpaniji fi ħdan l-MBR mela aħna ġejna mitlubin nagħtu informazzjoni fil-case 41 u 41A dwar is-soċjetà kummerċjali bl-isem taBella Sicilia Limited. Li ġġib in-numru ta' reġistrazzjoni C56475 u dan ghad-data ta`13 ta' Diċembru tas-sena 2022. Id-diretturi f'din id-data kienu Josefa Mangiafico ID card number 128169M kif ukoll Paolo Mangiafico ID card number 451820L. Is-segretarju ta' din il-kumpanija kien l-istess Paolo Mangiafico ID card 5451820L."

Ikkunsidrat

Il-Qorti tfakkar illi hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l ħinn kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi fil-każ in eżami l-imputat huwa wiehed mid-diretturi tal-kumpanija Bella Sicilia Limited (C 56475) li għandu l-istabilment **Bella Sicilia, 134, The Strand, Gzira, Malta**. Kif gie ikkonfermat mix-xhud PL Quentin Tanti in rapprezentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji fi ħdan l-MBR li xehed li 13 ta' Diċembru tas-sena 2022, id-diretturi f'din id-data kienu Josefa Mangiafico ID card number 128169M kif ukoll Paolo Mangiafico ID card number 451820L. Paolo Mangiafico huwa ukoll is-segretarju tal-kumpanija.

L-ispetturi li xehedu f' dawn il-proċeduri, Roberto Formosa u Lourdes Briffa, xehdu li dak in-nhar tat-13 ta' Dicembru, 2022 waqt li kienu qed jaghmlu spezzjoni b' sorpriża ġewwa l-istabilment osservaw klijent jixtri mill-istabiliment b' card u inħarget ircevuta tal-EPOS. Huma avviċinaw dan il-klijent li tahom l-irċevuta tal-EPOS li ma kienitx wahda fiskali. Jixhdu li huma kellmu lil Laura Mastrangelo (li kienet fl-istabiliment fil-hin tal-ispezzjoni) u ħadula in-numru tal-karta tal-identita' tagħha dak il-ħin. Meta kellmuha mal-ewwel ħarget l-irċevuta fiskali.

Dawn iz-zewgt xhieda kienu xhieda okulari tal-fatt li ma nħargitx rċevuta fiskali meta sar il-bejgħ.

Ikkunsidrat,

Fil-kaz tal-imputat japplika l-artikolu 82 (2) tal-Att. Nru. XXIII tal-1998

> "82 (2) Meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettiq tal-impieg tiegħu, jew minn persuna li tkun qed taġixxi għan-nom ta' dik il-persuna reġistrata, sew jekk dik il-persuna l-oħra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna oħra innifisha kif ukoll mill-prinċipal tagħhom jew

persuna reġistrata: iżda dak il-prinċipal jew persuna reġistrata ma jkunx ħati ta' reat taħt dan is-subartikolu jekk iġib prova li ma kienx jaf u lima setax b'diliġenza raġonevoli jkun jaf b'dak l-egħmil jew nuqqasu li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas."

Il-Qorti tikkunsidra li f' dan il-kaz l-imputat ma rnexxielux jipprova li huwa ghamel kull ma setgha jaghmel sabiex iżomm milli jsir dan l-egħmil jew nuqqas. Ġie ipprovat mix-xhieda okkulari li ma nhargitx l-irċevuta fiskali. Għaldawn ir-ragunijiet din il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet gew ipprovati.

Decide

Għaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, il-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998 issib lil imputat **Paolo Mangiafico** ħati tal-akkuzi miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah multa ta' elf euro (1000).

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**